VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,685, 25 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 393 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 24 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2016 'il quddiem.

Iż-Żieda tal-ordinament 16 mal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 16 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali:

"16. F'każijiet fejn l-istudenti jeħlu mill-Pjazzament fl-Iskejjel tat-tieni, it-tielet jew ir-raba' sena tal-Kors tal-Primarja jew mill-Pjazzament fl-Iskejjel tat-tielet jew ir-raba' sena tal-Kors tas-Sekondarja evalwat fuq bażi ta' Għadda/Weħel, il-Bord fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad jista' jagħti klassifikazzjoni aktar baxxa."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinament 16 tal-ordinament prinċipali

4. L-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 17.